MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Numru 140/2002

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Edward Caruana Soler, iben
Joseph, imwieled Sliema
fis-17 ta' ottubru, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –
Talli approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe' ħa flejjes li jammontaw għal aktar minn Lm3,000 liema flejjes jappartjenu lil Vladimir Gulyants, persuna ta' nazzjonalita' russa u persuni oħra, u dan ir-reat sar

minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depozitu neċessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-15 ta' marzu, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta xejn li l-imputat għamel xi azzjoni llegali.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------